MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 1844/1995/1

**John u Mary konjugi Borg kif ukoll Philip u Marvic konjugi Borg ghal kull interess li jista' jkollhom**

**v.**

**Emanuel u Adriana konjugi Galea**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

1. Fil-kaz in ezami ser jigu trattati zewg appelli: dak principali tal-konvenuti Emanuel u Adriana konjugi Galea, kif ukoll dak incidentali ta' l-atturi John u Mary konjugi

Borg u Philip u Marvic konjugi Borg. Dawn iz-zewg appelli jittrattaw dwar il-kuntratt ta' appalt, senjatament dwar id-doveri ta' l-appaltatur fil-konfront ta' l-appaltant, ir-rimedji li ghandu l-appaltant f'kaz li l-appalt ma jigix esegwit skond is-sengha u l-arti, u dwar id-danni pagabbli lill-appaltant f'kaz li l-appalt ikun fih difetti essenzjali.

2. Il-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami huma, bazikament, is-segwenti:

- L-attur John Borg inkariga lill-konvenut Emanuel Galea sabiex jahdimlu xoghol ta' poggaman tat-tarag fid-dar ta' ibnu Philip Borg, fi Triq Santu Rokku, Zebbug;

- Il-konvenut accetta li jesegwixxi dan ix-xoghol u s-somma globali miftehma bejnu u l-attur ghax-xoghol appaltat kienet ta' Lm2,400 [illum ekwivalenti ghal €5,590.50];

- L-attur hallas lill-konvenut Lm800 [illum ekwivalenti ghal €1,863.50] bhala depozitu akkont;

- Il-konvenut hadem fuq dan l-appalt fl-imhazen tieghu izda meta beda jpoggi x-xoghol fid-dar ta' Philip Borg, l-attur ra li, skond hu, ix-xoghol kien fih hafna difetti u mankanzi serji fis-sengha u l-hila;

- L-attur qabbad zewg periti, il-Perit Joseph Camilleri u l-Perit Renè Buttigieg, biex jaghtuh parir dwar il-kwalità tax-xoghol esegwit u dawn ikkonfermawlu li x-xoghol ma kienx qed isir skond is-sengha u l-arti;

- L-imsemmija Periti nkarigati mill-attur ghamlu wkoll xi suggerimenti dwar kif seta' jigi rrangat ix-xoghol, izda l-konvenut baqa' jinsisti li x-xoghol tieghu kien tajjeb u li l-allegati nuqqasijiet kienu konsegwenza tal-fatt li t-tarag fejn kellu jitpogga l-poggaman ma kienx mibni skond is-sengha u l-arti;

- Fid-dawl tal-posizzjoni adottata mill-konvenut l-atturi pprocedew bl-azzjoni odjerna fil-konfront tieghu u ta’ martu Adriana Galea ghat-thassir tal-kuntratt ta’ appalt u ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni minnhom sofferti minhabba l-inadempjenza kontrattwali tal-istess konvenut;

- Il-konvenuti min-naha taghhom intavolaw talba rikonvenzjonali fil-konfront ta’ l-atturi fejn jitolbu dikjarazzjoni li l-appalt gie xolt unilateralment mill-istess atturi, u l-kundanna fil-konfront ta’ l-atturi ghall-hlas dovut ghax-xoghol li ghamel il-konvenut u “somma ohra meqjusa mill-Qorti bhala rapprezentanti l-qligh li kien ser jaghmel minn tali xoghol”.

**<u>Talbiet u eccezzjonijiet</u>**

3. Permezz ta’ att ta’ citazzjoni pprezentat fit-8 ta’ Novembru 1995 l-atturi talbu lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili sabiex: (i) tiddikjara li l-konvenut Emanuel Galea ma ezegwiex ix-xoghol li huma ordnaw minghandu skond is-sengha u l-arti; (ii) tiddikjara li konsegwentement l-appalt in kwistjoni huwa xolt u dana ghar-ragunijiet minnhom premessi; (iii) tillikwida d-danni sofferti minnhom, okkorrendo bl-opra ta’ periti; u (iv) tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom id-danni hekk likwidati; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja ta’ l-1 ta’ Gunju 1995, u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

4. In risposta (fol. 9) ghat-talbiet attrici l-konvenuti eccipew: (a) preliminarjament, in-nullità tac-citazzjoni *de quo* stante li fuqha, ma’ genb il-firma ta’ l-avukat, m’hemmx l-isem car ta’ l-avukat li ffirmaha; (b) li m’huwiex minnu li x-xoghol in kwistjoni ma sarx skond is-sengha u l-arti; il-poggaman kellu jsir bil-fors bil-mod kif sar minhabba difetti strutturali fit-tarag; (c) il-konvenut Emanuel Galea qatt ma wera li m’huwiex lest isegwi l-pariri tal-periti teknici; u (d) li m’huwiex minnu illi l-konvenut Emanuel Galea baqa’ jipprokrastina t-tlestija tax-xoghol izda kien l-attur illi waqqaf lill-konvenut milli jkompli x-xoghol.

5. Il-konvenuti, kif rajna, ipprezentaw ukoll talba rikonvenzjonali (fol. 12) fil-konfront ta’ l-atturi li permezz taghha talbu lil Qorti sabiex: (a) tiddikjara li l-appalt gie xolt unilateralment mill-atturi minghajr raguni gusta; (b) tiddikjara illi l-konvenut ghad baqghalu jithallas ta’ l-appalt minghand l-atturi u dan rigward l-ispejjez li huwa nkorra, ix-xoghol li fil-fatt ghamel u “somma ohra meqjusa mill-Qorti bhala rapprezentanti l-qligh li ken ser jaghmel minn tali xoghol”; (c) tillikwida s-somma skond it-tieni talba; u (d) tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenuti s-somma hekk likwidata; bl-ispejjez u l-imghax kontra l-atturi.

6. In risposta ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti l-atturi eccipew illi (fol. 18): (a) it-talbiet rikonvenzjonali huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut Emanuel Galea ma lestiex l-appalt lilu moghti tempestivament u kwindi huma ma kellhomx alternattiva hlief li jxolju l-appalt; u (b) il-konvenut esegwixxa parti mill-appalt mhux skond is-sengha u l-arti; salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**<u>Sentenza appellata</u>**

7. Il-konvenuti rrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni taghhom dwar in-nullità ta’ l-att ta’ citazzjoni permezz ta’ verbal waqt is-seduta tal-25 ta’ Marzu 1996[1]. B’sentenza moghtija fid-19 ta’ Ottubru 2006 l-Ewwel Qorti ddisponiet mill-kawza billi fl-ewwel lok cahdet it-talbiet kollha rikonvenzjonali tal-konvenuti u fit-tieni lok, laqghet it-talbiet ta’ l-atturi kif dedotti u ghall-fini tar-raba’ talba kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm2,900 [illum ekwivalenti ghal €6,755.18] in linea ta’ danni, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament. Bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuti. L-Ewwel Qorti ordnat ukoll illi l-balavostri mahduma mill-konvenut, li nqalghu mit-tarag u li jinsabu magazzinati ghand l-atturi, ghandhom jigu ritornati lill-konvenuti. Dik il-Qorti ta’ Prim’ Istanza waslet ghad-decizjoni taghha in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] Fol. 21 tal-process tal-Prim Istanza.

“Jirrizulta li l-attur John Borg kien inkariga lill-konvenut Emanuel Galea sabiex jahdimlu xoghol ta’ poggaman tat-tarag fid-dar ta’ ibnu Philip, gewwa Triq Santu Rokku, Zebbug. Il-konvenut hadem fuq dan l-appalt fl-imhazen tieghu, izda meta beda ipoggi x-xoghol fuq is-sit, l-attur irrealizza li x-xoghol fih hafna difetti u mankanzi serji fis-sengha u l-hila. L-attur inkariga periti biex jaghtuh opinjoni u dawn ikkonfermawlu li x-xoghol ma kienx qed isir sewwa. Saru suggerimenti biex jigi rrangat x-xoghol, izda l-konvenut baqa’ jinsisti li x-xoghol tieghu kien tajjeb u li l-allegati nuqqasijiet kienu konsegwenza tal-fatt li t-tarag fejn kellu jitpogga x-xoghol ma kienx lest u kien qed johloq problemi. L-atturi talbu li jithassar il-kuntratt ta’ appalt u li huma jithallsu d-danni.

“Il-konvenuti, min-naha taghhom, baqghu jsostnu li x-xoghol imwettaq sar tajjeb, u peress li allegaw li l-appalt moghti gie mwaqqaf mis-sid minghajr ragunijiet tajba, talbu li jigu kkumpensati u mhallsa d-danni.

“L-ewwel perit tekniku irrelata favur it-tezi tal-atturi, u dana peress li, fil-fehma tieghu, u mill-indagini fattwali li hu ghamel, irrizultalu li x-xoghol, fil-fatt, baqa’ ma giex kompletat, u dak li sar, ma sarx skond l-arti u s-sengha. Hu rrelata wkoll li l-atturi, fid-dawl ta’ dan, kellhom ragunijiet validi biex iwaqqfu lill-konvenut milli jkompli jahdem fuq l-appalt, u li, ghalhekk, it-talba tal-konvenuti ghall-kumpens ma kellhiex tigi milhuqa.

“Fid-dawl ta’ dawn il-konkluzjonijiet, il-konvenuti talbu l-hatra ta’ periti adizzjonali. Fil-konkluzjoni taghhom, il-periti teknici irrelataw illi, fil-waqt li hu minnu li t-tarag kien difettuz, mhux biss il-konvenut kellu jinduna b’dan qabel ma beda x-xoghol u jipprovdi rimedju fix-xoghol tieghu, izda wkoll, wara li kien ghamel il-balavostri u nduna bid-difett, irrifjuta li jsegwi l-pariri tal-periti tal-atturi billi jipprovdi sottobank ghax-xoghol kollu. B’hekk, halla x-xoghol mhux komplut u irrifjuta li jlestih b’mod li kien accettabbli ghall-atturi. Fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi, l-perit legali irrelata li l-konvenuti ghandhom jigu dikjarati responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi.

"Minn analizi li ghamlet il-Qorti, jirrizulta bla ebda dubju li l-konvenut ghamel xoghol zbaljat u rrifjuta illi jikkoregih kif gie lilu indikat mill-periti nkarigati mill-atturi sabiex jezaminaw ix-xoghol u jissugerixxu soluzzjoni. Fil-fatt, kif ikkonferma l-ewwel perit tekniku, it-tfassil sar hazin, peress li l-angoli ma kienux maqtugha biex wahda titpogga ma' ohra b'mod li ma jkunx hemm ragg bejn wahda u ohra. Hu elenka diversi difetti ohra fix-xoghol tal-konvenut, difetti li ma kienux necessarjament rizultat ta' xoghol hazin fl-injam, izda rizultat ta' xoghol hazin fl-esekuzzjoni tal-appalt. Il-konvenut ma kellux biss jahdem tant balavostri u poggaman, izda hu nghata appalt biex ipoggi balavostri u poggaman fuq tarag partikolari. Fi kliem iehor, il-konvenut ma kellux jahdem fl-astratt, imma kellu jfassal ix-xoghol ghall-post partikolari indikat lilu. Dak li kellu jaghmel il-konvenut kien li johloq ilqugh b'balavostri ghal tarag gia mibni, u, allura, hu kellu jezamina t-tarag b'certu dettal, u jahdem balavostri u poggaman ghal dak it-tarag. Jekk, fil-fehma tieghu, it-tarag kien difettuz jew kien johloq problemi, hu kellu jew jirrifjuta l-appalt, jew jara kif iwettaq l-ordni b'xoghol riparattiv biex id-difett fid-disinn tat-tarag jigi mtaffi. Il-konvenut ma kellux dritt jassumi li t-tarag li fuqu kellu jahdem kien jiehu l-balavostri u l-paggaman li hu, idealment, kien se johloq. Fi kliem iehor, ma kellux jassumi li t-tarag ikun tajjeb ghax-xoghol li hu kien se jaghmel, pero`, kellu jaghmel xoghol li jkun tajjeb ghall-post fejn riedu l-attur.

"Kif intqal fil-kawza **Francica vs Buhagiar**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2004:

*""bosta drabi gie ribadit mill-Qrati illi l-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu konness fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer issir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F`kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem, izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol, dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u spondet peritiam artis u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent"*.

"Fil-kawza **Casha vs Busuttil**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Jannar, 2006, dak li intqal aktar qabel minn din il-Qorti intqal ukoll minn dik l-Onorabbli Qorti meta f`kuntest iehor, ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

*""Mhux hekk biss pero`. Fl-obbligu impost fuqu skond dawk l-istess regoli huwa kellu qabel xejn jivverifika jekk il-bazi realizzata minn terzi, u li fuqha kellu jqieghed it-tegoli, kienetx soda u adegwata bizzejjed biex isservi ghall-piz addizzjonali taghhom, jiddenunzja kull difett li jiskopri u, f`kaz ta' vizzji hekk skoperti, jastjeni milli jaghti esekuzzjoni ghall-appalt moghti lilu. Fi kliem iehor, ghar-realizzar ta' opra, teknikament idonea u ghas-sodisfaciment tal-kommittent, hu kellu d-dover li qabel xejn jikkontrolla u jirrendi ruhu edott minn xi karenzi fl-istruttura tal-bazi. Karenzi dawn li setghu gew rilevati, jew kienu hekk rilevabbli, skond il-kriterji tad-diligenza normali, dejjem, s'intendi, fil-limiti tal-kompetenza teknika tieghu. Fil-kaz konkret dan ma jidhirx li sar jew, ghallanqas, l-attur appaltatur ma pprovax li hu diligentement ghamel din il-verifika u ma rriskontrax dawk id-difetti, li gew eventwalment skoperti u kummentati mill-periti tekniku".*

"F'dan il-kaz, irrizulta li l-konvenut ma kienx lest jaccetta s-suggerimenti li sarulu mill-perit Camilleri, meta dan, fuq inkarigu tal-atturi, indika lill-konvenut il-korrezzjonijiet li riedu jsiru fix-xoghol tieghu sabiex isolvu l-problemi li kienu inholqu. Il-perit tekniku mahtura mill-Qorti wkoll qablu li l-konvenut, kieku ried, seta' inqeda minn zewg soluzzjonijiet li kienu disponibbli ghalih biex isolvi l-problemi li skopra appena beda jwahhal ix-xoghol. Fi kliem iehor, ghall-ewwel nuqqas tieghu, cioe`, li jezamina s-sit li fuqu kellu jahdem, il-konvenut seta' jirrimedja b'zewg soluzzjonijiet alternattivi li kienu accettabbli ghall-atturi. Il-konvenut, pero`, m'ghamel xejn minn dan, u halla x-xoghol fi stat difettuz.

"Fil-fehma tal-Qorti, d-difetti fl-appalt huma ta' certa gravita` li jintitolaw lill-attur jittermina l-appalt. Ix-xoghol kif ried iwettqu l-konvenut ma kienx ikun xoghol unit, izda

kien jithalla b'diversi *gaps* u raggi tul it-tarag. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Meli vs Galea**, deciza fit-23 ta` Gunju, 2004:

""… bhal f'kull kuntratt iehor, apparti l-konsiderazzjonijiet specjali li jemanu mid-dispost ta` l-artikolu 1640 tal-Kap. 16, rizervat ghall-appalti, il-patt kommissorju tacitu jaghti lill-kontraenti wiehed kontra l-kontraenti l-iehor inadempjenti l-ghazla li jitlob jew ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt jew l-ezekuzzjoni tieghu (Art. 1069(1) tal-Kap. 16). Hekk per ezempju l-kommittent jista' jopta ghar-rizoluzzjoni f'kaz ta' tardivita` fl-ezekuzzjoni jew f'kaz li l-opra tirrizulta ghal kollox inadatta ghad-destinazzjoni taghha, jew diversa minn dik kommissjonata jew nieqsa minn xi kwalita` essenzjali…"

"Hekk ukoll, fil-kawza **Micallef vs Mamo et**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Marzu, 1939 intqal illi:

*""… il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali li huwa dejjem soggett ghall-patt kummissorju tacitu. Konsegwentement, meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni jinsab fl-ezami, jekk ix-xoghol, kif jirrizulta, ikunx affett jew le minn vizji sostanzjali… imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita` taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent … Meta d-difetti jkunu essenzjali l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba inadempjenza…"*

"(ara wkoll "Busuttil vs Fedele", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta` April, 1968).

"F'dan il-kaz, il-konvenut naqas li jwettaq l-appalt lilu moghti bid-debita dilegenza, id-difetti kienu sostanzjali u l-opra tirrizulta ghal kollox inadatta ghad-destinazzjoni taghha. L-atturi, ghalhekk, ghandhom dritt jitterminaw il-kuntratt u, ai termini tal-artikolu 1069(2) tal-Kodici Civili, li jitolbu d-danni.

“Dwar it-talba ghall-hlas u likwidazzjoni ta’ danni, jirrizultaw mill-provi illi:

(a) Is-somma globali miftehema bejn il-partijiet, ghax-xoghol appaltat lill-konvenut, kienet ta` Lm2,400;

(b) Il-konvenut irceva akkont Lm800

(c) L-atturi inkarigaw lil haddiehor jaghmlilhom poggaman, matul il-kawza, u tieghu hallsu Lm5,750

“L-ammont ta` Lm5,750 johrog mill-istima datata 17 ta` Awissu, 1999, li giet ikkonfermat mill-gurament minn Julius Sacco li rredigiha.

“Ma jirrizultax pero` illi giet prodotta ricevuta ta’ l-istess ammont, ghalkemm irrizulta waqt l-access illi l-atturi illum ghandhom poggaman iehor, kif jidher fir-ritratti annessi mar-rapport tal-periti teknici.

*“Icto oculo* jirrizulta illi x-xoghol ta’ dekorazzjoni li fihom il-balavostri illum imqeghda fit-tarag ta’ l-atturi, hija aktar elaborata minn dik li kellha il-balavostri provduti mill-konvenut.

“Minhabba f’dan, il-Qorti ma tistax tqies il-figura ta’ Lm5,750 bhala l-prezz ta’ illum tal-appalt moghti lill-konvenut. Din il-Qorti, wara li qieset l-gholi fil-prezz tal-materjal u tal-mano d’opera, tqis li l-appalt meritu tal-kawza kieku kellu jinghata illum, ikun jiswa Lm4,500. Ghalhekk, bhala danni, l-atturi sofrew telf ta’ Lm2,100. L-atturi ghandhom dritt ukoll ghar-refusjoni tat-Lm800 imhallsa bhala depositu lill-konvenut, u dana peress li l-*exceptio non rite adempleti contractus* treggi ghal kull talba li ssir ghall-hlas. B’hekk, id-danni dovuti lill-atturi jammontaw ghal Lm2,900. Il-balavostri mahduma mill-konvenut, li nqalghu mit-tarag li, pero`, jinsabu magazzinati ghand l-atturi, ghandhom jigu ritornati lill-konvenuti.

"Kwantu ghall-kontro-talba maghmula mill-konvenut, din ghandha tigi michuda, billi ma jirrizultax illi l-appalt gie xolt unilateralment mill-atturi, kif qed jippretendi l-konvenut.

"Irrizulta, ghall-kuntrarju, illi l-atturi talbu x-xoljiment tal-kuntratt ta' l-appalt bit-tieni domanda f`din il-kawza, in konsegwenza tad-dikjarazzjoni mitluba fl-ewwel domanda, rigwardanti n-nuqqas ta' esekuzzjoni tal-kuntratt ta' l-appalt skond is-sengha u l-arti da parti tal-konvenut."

**Appelli**

8. Mis-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2006 appellaw il-konvenuti in via principali u l-atturi in via incidentali. L-aggravji tal-konvenuti huma, essenzjalment, is-segwenti: (a) l-ewwel Qorti kellha tqis u tilqa' s-sottomissjoni minnhom sollevata fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom illi *l-agir ta' l-atturi huwa inkonsistenti ghall-ahhar mat-tip ta' azzjoni ezercitata minnhom fis-sens illi l-atturi setghu jipprocedu ghar-rixessjoni tal-bejgh u ghall-hlas ta' danni però f'dan il-kaz ma setghux jaccettaw ix-xoghol li sar mill-appellant. Alternattivament l-atturi setghu jaghzlu li jzommu x-xoghol u jitolbu l-Qorti tiffissa tnaqqis fil-prezz originarjament miftiehem, dejjem jekk jirrizulta illi x-xoghol effettivament ikun sar mhux skond is-sengha u l-arti*[2]*,* ghaliex din hija materja ta' ordni pubbliku u ghalhekk setghet tigi sollevata minnha *ex officio*; (b) l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi prodotti quddiemha bil-konsegwenza li ghamlet apprezzament zbaljat tal-provvedimenti tal-ligi *ghal dak li jikkoncerna jekk l-appellant aderixxiex ruhu jew le ma' l-obbligi tieghu bhala appaltat*[3]; u li (c) il-likwidazzjoni tad-danni fl-ammont ta' Lm2,900 hija zbaljata ghaliex il-konvenuti setghu jigu kkundannati jhallsu biss dawk id-danni relatati direttament man-nuqqas tal-konvenut Emanuel Galea li jespleta l-appalt u mhux l-ispiza rikjesta biex isir ix-xoghol mill-gdid, u fi kwalunkwe kaz l-ewwel Qorti ma setghetx fl-assenza ta' opinjoni teknika dwar id-danni sofferti mill-atturi tiffissa valur hi bhala l-prezz attwali ta' l-appalt, partikolarment fid-

[2] Fol. 6 tal-process ta' l-Appell.
[3] *Ibid.*

dawl ta' l-insenjament li *d-danni jridu jkunu direttament konnessi ma' l-allegata inadempjenza kontrattwali*[4].

9. Il-konvenuti osservaw ukoll illi l-kopja tas-sentenza li nghatat lilhom wara li din giet pronuncjata mill-Ewwel Qorti kienet turi danni likwidati fl-ammont ta' Lm2,100 izda, ftit taz-zmien wara l-Avukat Difensur taghhom ircieva kopja ta' l-istess sentenza b'nota li taqra illi "din hija l-kopja tas-sentenza kif korretta ara pagna 10".

10. Bir-rikors ta' l-appell taghhom il-konvenuti qed jitolbu lil din il-Qorti biex: (a) thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2006 u filwaqt illi tichad it-talbiet attrici tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali taghhom u, jew tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghad-determinazzjoni tat-talbiet rikonvenzjonali l-ohra, jew inkella tipprovdi hi stess dwarhom; jew (b) alternattivament u bla pregudizzju, timmodifika s-sentenza appellata fis-sens illi timmodifika l-ammont ta' danni likwidati.

11. B'risposta pprezentata fl-20 ta' Novembru 2006 (fol. 17 ta' l-atti ta' l-appell) l-atturi opponew ghall-appell interpost mill-konvenuti stante li huwa, skond huma, *infondat fil-fatt u fid-dritt u jirrazenta l-frivolu u vessatorju u kwindi possibilment hija applikabbli fil-konfront ta' l-istess is-sanzjoni ta' l-ispese doppie*[5].

12. Permezz ta' l-istess risposta l-atturi interponew appell incidentali mis-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2006 in kwantu jirrigwarda l-*quantum* tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti u l-kundanna ghall-hlas ta' l-imghax. L-ewwel aggravju ta' l-appell incidentali taghhom huwa fis-sens li l-ammont ta' Lm2,900 likwidat mill-ewwel Qorti bhala rapprezentanti d-danni minnhom sofferti *a causa* tan-nuqqas tal-konvenut Emanuel Galea li jesegwixxi l-appalt lilu moghti skond is-sengha u l-arti, ma huwiex gust u ekwu. Huma jikkontendu li l-ammont totali li l-konvenuti kellhom jigu kkundannati jhallsuhom ghandu jkun ta' Lm3,650 [illum ekwivalenti ghal €8,502.21], konsistenti fis-

---

[4] Fol. 9 tal-process ta' l-Appell.
[5] Fol. 17 tal-process ta' l-Appell

somma ta’ Lm2,850 in linea ta’ danni u fis-somma ta’ Lm800 bhala rifuzjoni tad-depozitu akkont minnhom imhallas lill-konvenut.

13. It-tieni aggravju ta’ l-appell ta’ l-atturi jirrigwarda d-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti li l-imghax legali fuq id-danni minnha likwidati jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-atturi jikkontendu li billi fid-danni likwidati mill-ewwel Qorti hemm inkluza s-somma ta’ Lm800 minnhom imhallsa lill-konvenut bhala depozitu akkont, l-imghax fuq din is-somma kellu jibda jiddekorri mid-data tal-hlas ta’ tali depozitu jew mid-data tal-prezentata ta’ l-att ta’ citazzjoni odjern u mhux mid-data tas-sentenza appellata.

14. L-atturi ghalhekk qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex filwaqt illi tichad l-appell interpost mill-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi fil-konfront ta’ l-istess konvenuti, tikkonferma s-sentenza moghtija fid-19 ta’ Ottubru 2006 in kwantu laqghet it-talbiet attrici kollha u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u t-talba rikonvenzjonali ta’ l-istess konvenuti, u tirriformaha billi fir-rigward tar-raba’ talba attrici tiddikjara u tiddeciedi li l-ammont dovut u pagabbli mill-konvenuti lill-atturi huwa ta’ Lm3,650, konsistenti fis-somma ta’ Lm2,850 in linea ta’ danni u fis-somma ta’ Lm800 bhala rifuzjoni tad-depozitu akkont minnhom imhallas lill-konvenut, u tirriforma wkoll l-istess sentenza billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex fuq is-somma ta’ Lm800 rapprezentanti r-rifuzjoni ta’ depozitu jhallsu imghax legali dekorribbli mid-data tal-hlas ta’ l-imsemmi depozitu jew mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni promotrici ta’ din il-kawza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

15. B’risposta pprezentata fit-3 ta’ Frar 2008 (ara fol. 37 tal-atti ta’ l-appell) il-konvenuti opponew ghall-appell incidentali interpost mill-atturi stante li l-aggravji ta’ l-appell ta’ l-istess atturi huma frivoli u vessatorji u bla ebda bazi legali.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

16. L-ewwel osservazzjoni li jaghmlu l-konvenuti fir-rikors ta' l-appell taghhom hija dwar il-korrezzjoni effettwata fis-sentenza appellata f'pagna 10 rigward il-figura tad-danni likwidati favur l-atturi. Jidher illi fil-kopja tas-sentenza li nghataw il-partijiet dakinhar li l-kawza giet deciza, fil-parti tad-*decide* d-danni kienu dikjarati bhala ammontanti ghas-somma ta' Lm2,100. Sussegwentement, din il-figura giet korretta ghas-somma ta' Lm2,900. Kif sewwa osservat mill-atturi, il-konvenuti ma jressqu ebda aggravju specifiku f'dan ir-rigward, tant illi fir-rikors taghhom jikkontendu *illi minghajr pregudizzju ghal dak li ghadu kif gie rilevat* [dwar il-korrezzjoni fis-sentenza]*, l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa wiehed legali*[6] (sottolinear ta' din il-Qorti) u jidhlu fil-kwistjoni dwar x'tip ta' azzjoni skond huma setghu jistitwixxu l-atturi. Lanqas ma jissollevaw eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata; kulma jaghmlu hu li jaccennaw ghal din il-korrezzjoni biex donnhom igibuha a konjizzjoni ta' din il-Qorti u jhallu l-kwistjoni hemm. Fin-nuqqas ta' aggravju fuq dan il-punt, u aktar u aktar fin-nuqqas ta' eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, din il-Qorti hija prekluza milli tindirizza dan il-punt, u dana in bazi ghall-principji guridici li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tmur lil hinn mill-aggravji mressqa mill-appellant[7] u li *l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, min-naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu. Dan dejjem salv meta non si tratta minn kwistjoni ta' ordni pubbliku, fejn allura l-gudikant hu obbligat li jirrileva "ex officio"*[8].

17. L-eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata ma ghandhiex u ma tistax tigi sollevata minn din il-Qorti *ex officio* billi din hija eccezzjoni li ghandha u tista' tigi sollevata biss mill-parti interessata. Dana l-principju johrog car mis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Cassar Parnis v.**

---

[6] Fol. 6 tal-process ta' l-Appell.

[7] **Gayle Scerri v. Eric Borg et,** Appell Civili Nru. 1164/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003.

[8] **Raymond Borg et v. Hal Mann Limited, Appell Civili Nru. 34/99** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003.

**Gustavo Soler** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Marzu 1949 fejn inghad illi *n-nullitajiet jistghu jkunu jew dikjarati "expressis verbis" jew le. Bhala regola generali, il-ligijiet u d-dottrina, u l-ligi taghna in partikolari, ma jiffavorux in-nullitajiet; anzi jippropendu kemm jista' jkun ghat-tezi tal-validità tal-att li jkun hemm diskussjoni fuqu. Anki fejn in-nullità hija dikjarata espressament mil-ligi, hija ma topera qatt wahedha b'mod li, jekk l-att ikun sentenza, tnaqqas 'motu proprio' il-karattru ta' gudikat ta' dik is-sentenza;* ***imma huwa mehtieg li dik in-nullità tigi proposta mill-interessati fi zmien utili u b'wiehed mill-mezzi li trid u biss tirrikjedi l-ligi****. Meta s-sentenza tghaddi f'gudikat, ghax ma tigix appellata jew ritratta, jew ghaliex, jekk appellata jew ritrattata, tigi konfermata, hija ssir irrevokabbli; u ma jkunx aktar lecitu li tinfetah diskussjoni fuqha, lanqas jekk tkun, forsi, ingusta. Ghax jekk min hu interessat ma juzax mir-rimedji li taghtih il-ligi biex iwaqqa sentenza bhala null, ma ghandux raguni jilmenta mill-inflessibilità tal-principju ta' l-irrevokabilità tas-sentenza; u lanqas ma jista' jallega li ma kienx jaf bil-prolazzjoni tas-sentenza, ghax kien dmiru li jsegwi l-kawza fid-diversi differimenti taghha. Ghaldaqstant, meta s-sentenza ssir irrevokabbli, il-Qorti ma tistax aktar tidhol fil-kwistjoni sollevata fis-sens illi s-sentenza hija nulla*[9]. F'dawk il-proceduri l-attur Cassar Parnis kien qed jattakka l-validità ta' sentenza li kienet ghaddiet in gudikat izda, l-principji hemm enuncjati xorta jsibu riskontru fil-kaz in ezami u juru bic-car illi fi proceduri ta' l-appell l-eccezzjoni tan-nullità ta' sentenza ghandha tigi sollevata mill-parti interessata entro t-termini prefissi mil-ligi u mhux *ex officio* mill-Qorti ta' l-Appell.

18. Jehtieg li jigi ccarat punt iehor dwar l-appell tal-konvenuti mis-sentenza appellata li gie riskontrat mill-atturi fir-risposta taghhom. Il-konvenuti jitolbu lil din il-Qorti sabiex *inter alia* thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2006 u filwaqt illi tichad it-talbiet attrici <u>tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali taghhom u jew tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghad-determinazzjoni tat-talbiet rikonvenzjonali l-ohra jew inkella tipprovdi hi</u>

[9] **Carmelo Cassar Parnis v. Gustavo Soler noe**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Marzu 1949, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri Vol. XXXII – ii – 344.

stess dwarhom. Ghalkemm il-konvenuti jimpostaw it-talba taghhom f'dan is-sens, kif sewwa rilevat mill-atturi fir-risposta taghhom, l-istess konvenuti ma jressqu ebda aggravju fir-rigward tad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tichad it-talbiet rikonvenzjonali taghhom. Fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti l-Ewwel Qorti kkunsidrat illi *kwantu ghall-kontro-talba maghmula mill-konvenut, din ghandha tigi michuda, billi ma jirrizultax illi l-appalt gie xolt unilateralment mill-atturi, kif jippretendi l-konvenut. Irrizulta, ghall-kuntrarju, illi l-atturi talbu x-xoljiment tal-kuntratt ta' l-appalt bit-tieni domanda f'din il-kawza, in konsegwenza tad-dikjarazzjoni mitluba fl-ewwel domanda, rigwardanti n-nuqqas ta' esekuzzjoni tal-kuntratt ta' l-appalt skond is-sengha u l-arti da parti tal-konvenut*[10]. In bazi ghal din il-konsiderazzjoni l-Ewwel Qort cahdet it-talbiet kollha rikonvenzjonali tal-konvenuti.

19. Minn ezami tar-rikors ta' l-appell tal-konvenuti johrog car li ma tressaq ebda aggravju bi kritika ta' l-imsemmija konsiderazzjoni u l-konsegwenti decizjoni tal-Prim Awla rigward it-talbiet rikonvenzjonali taghhom. In effetti t-tlett aggravji sollevati mill-konvenuti jittrattaw kwistjonijiet marbuta mad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tal-meritu ta' l-azzjoni principali ta' l-atturi fil-konfront taghhom.

20. Fic-cirkostanzi u fid-dawl tal-principju guridiku iktar 'il fuq citat, u cioè li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax taghti decizjoni li tmur lil hinn mill-aggravji mressqa quddiemha mill-appellant[11], it-talba tal-konvenuti sabiex din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti u minflok tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali taghhom u tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti ghad-determinazzjoni tat-talbiet rikonvenzjonali l-ohra jew inkella tipprovdi dwarhom hi stess, ma tistax tigi milqugha.

21. Iccarati dawn il-kwistjonijiet preliminari, jehtieg issa li jigu trattati l-aggravji li fuqhom il-partijiet kontendenti

---

[10] Pagna 10 tas-sentenza appellata.
[11] **Gayle Scerri v. Eric Borg et**, Appell Civili Nru. 1164/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003.

jibbazaw l-appelli rispettivi taghhom mis-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2006.

22. L-ewwel aggravju ta' l-appell tal-konvenuti jittratta dwar il-konsiderazzjoni legali taghhom li *l-agir ta' l-atturi huwa inkonsistenti ghall-ahhar mat-tip ta' azzjoni ezercitata minnhom fis-sens illi l-atturi setghu jipprocedu ghar-rixessjoni tal-bejgh u ghall-hlas ta' danni però f'dan il-kaz ma setghux jaccettaw ix-xoghol li sar mill-appellant. Alternattivament l-atturi setghu jaghzlu li jzommu x-xoghol u jitolbu l-Qorti tiffissa tnaqqis fil-prezz originarjament miftiehem, dejjem jekk jirrizulta illi x-xoghol effettivament ikun sar mhux skond is-sengha*[12].

23. Il-konvenuti jikkontendu li ghalkemm din il-konsiderazzjoni ma gietx minnhom avanzata quddiem l-Ewwel Qorti taht forma ta' eccezzjoni formali, dik il-Qorti xorta wahda kellha tikkonsidraha billi hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u b'hekk sollevabbli mill-Qorti *ex officio*. Din il-konsiderazzjoni legali tal-konvenuti giet ikkunsidrata mill-Perit Legali Addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg fir-Rapport tieghu a fol. 291 sa' 319 tal-process. L-imsemmi Perit Legali kkonstata li: *…din il-linja difensjonali giet introdotta biss f'dan l-istadju inoltrat hekk tard tal-kawza, tant illi ma hemm ebda hjiel taghha fin-nota ta' l-eccezzjonijiet li hi bazata kompletament fuq linji difensjonali ohra u ghal kollox differenti. F'dan ir-rigward hu ferm rilevanti l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Raymond Borg v. Hal Mann Ltd." deciza fl-20 t'Ottubru 2003 fejn gie enuncjat illi: " … hu principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza f'kawza l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, min-naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu. Dan dejjem salv meta non si tratta minn kwistjoni ta' ordni pubbliku, fejn allura l-gudikant hu obbligat li jirrileva "ex officio". Fil-fehma ta' l-esponent, il-linja difensjonali gdida tal-konvenut ma tirrizultax li hi ta'*

[12] Fol. 6 tal-process ta' l-Appell.

*ordni pubbliku, kif jasserixxi l-istess konvenut, bla ma b'ebda mod ma indika l-bazi legali ta' l-asserzjoni tieghu… Aktar minn hekk, ma jidhirx li tali linja difensjonali, kieku inghatat regolarment fil-bidu tal-kawza, kienet tkun applikabbli f'din il-kawza. Dana peress illi l-kuntratt li l-partijiet ikkonkludew bejniethom kien wiehed ta' appalt u mhux ta' kompravendita. Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg kuntratti hi spjegata tajjeb fid-decizjoni tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana – Nru.58 tad-9 ta' Jannar 1970 fejn intqal: "… secondo il quale il contratto di vendita si distingue da quello di appalto per il diverso oggetto, consistente rispettivamente, in un' obbligazione di dare oppure in un' obbligazione di dare e insieme di fare, con organizzazzione di mezzi necessari e con gestione a rischio dell'appaltatore …". Fl-istess rigward il-gurista Taljan Pacifici-Mazzoni, fit-trattazzjoni tieghu tal-kuntratt tal-lokazzjoni, isostni hekk: "… il contratto di locazione d'opera sa di vendita, è prossimo alla vendita, ma non è vendita, neppure quando l'imprenditore somministra la materia …"*[13].

24. In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet il-Perit Legali Addizzjonali kkonkluda li din is-sottomissjoni tal-konvenuti ma ghandhiex tigi kkunsidrata u ghandha tigi skartata.

25. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjoni tal-Perit Legali Addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg dwar din is-sottomissjoni legali tal-konvenuti, u l-ewwel Qorti gustament ma kkunsidrathiex fis-sentenza appellata izda, ikkunsidrat biss l-eccezzjonijiet validament sollevati quddiemha mill-partijiet kontendenti.

26. Kif ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Antida Falzon v. APS Bank Limited, Citaz. Nru. 301/98** deciza fit-28 ta' Mejju 2003, kemm-il darba din il-Qorti kellha tagixxi mod iehor u minflok taccetta s-sottomissjoni tal-konvenuti bhala eccezzjoni u tikkunsidraha bhala tali, tkun qed tohloq *strapp procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontro-parti attrici, oltre li jkun*

[13] Fol. 307 sa 309 tal-process tal-Prim Istanza.

*jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri in corso*.

27. Ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appell tal-konvenuti qed jigi michud.

28. Bit-tieni aggravju taghhom il-konvenuti jikkritikaw l-apprezzament tal-provi kif maghmul mill-ewwel Qorti u konsegwentement anke l-apprezzament li ghamlet tal-principji guridici applikabbli in materia. Fis-sentenza appellata l-Qorti ta' Prim Istanza essenzjalment ikkunsidrat li l-konvenut Emanuel Galea ma esegwiex l-appalt moghti lilu mill-atturi skond is-sengha u l-arti u rrifjuta li jikkoregih bil-mod kif gie lilu ndikat mill-Periti Joseph Camilleri u Renè Buttigieg, inkarigati mill-atturi. Dik il-Qorti kkonkludiet illi d-difetti li kien fih ix-xoghol esegwit mill-konvenut kienu ta' natura sostanzjali tali li jintitola lill-atturi jitterminaw l-appalt u jitolbu l-hlas ta' danni minnhom sofferti b'konsegwenza ta' l-inadempjenza kontrattwali tal-konvenut appaltatur. Il-konvenuti jikkritikaw id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti u jikkontendu li dik il-Qorti: (**a**) ma kkunsidratx il-fatt illi x-xoghol kif esegwit mill-konvenut Emanuel Galea kien qed isir bil-mod kif miftiehem bejn il-partijiet kontendenti u li kieku mexa mod iehor l-atturi xorta kienu jikkontestawlu l-pagament, u lanqas ikkunsidrat bil-mod opportun li d-difetti fix-xoghol irrizultaw ghaliex it-tarag li fuqu kellu jitqieghed il-poggaman in kwistjoni ma kienx mibni skond is-sengha u l-arti; (**b**) ma kkunsidratx il-fatt illi meta l-atturi waqqfu lill-konvenut milli jkompli bl-esekuzzjoni tax-xoghol huwa kien ghadu qed ihabbel rasu dwar kif kien ser idur mal-problema li kien qed johloq ix-xoghol hazin fil-kostruzzjoni tat-tarag; u li l-ewwel Qorti (**c**) kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-konvenut Emanuel Galea ma hax il-pariri tal-Perit Joseph Camilleri u tal-Perit Renè Buttigieg dwar kif seta' jigi rimedjat ix-xoghol. Li gara kien, skond l-appellanti, illi meta l-konvenut mar biex ikompli bix-xoghol kien l-istess attur Philip Borg illi waqqfu milli jkompli.

29. Din il-Qorti kkunsidrat dawn it-tlett ilmenti tal-konvenuti fid-dawl tar-rizultanzi processwali u tar-rapporti

ta’ l-ewwel Perit Tekniku, William Cassar Torregiani[14], u tal-Periti Teknici (A.I.C. Joseph Jaccarini u s-Sur Alfred Camenzuli) u Perit Legali Addizzjonali[15], u tikkonkludi li fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami l-unika konkluzjoni gusta, kemm fattwali kif ukoll guridika, li setghet tasal ghaliha l-ewwel Qorti hija proprju dik minnha raggunta fis-sentenza appellata. Il-Periti Teknici kollha kkonkludew illi l-konvenut Emanuel Galea ma esegwiex l-appalt lilu kummissjonat mill-atturi skond is-sengha u l-arti. Il-Perit William Cassar Torregiani kkonkluda *li x-xoghol effettivament ma sarx skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti u ghalhekk hargu d-difetti; Illum ix-xoghol baqa’ fi stadju mhux komplut u kif inhu illum certament ma jistax jitkompla ghas-sodisfazzjon ta’ l-atturi*[16]; u fir-relazzjoni addizzjonali tieghu l-istess William Cassar Torregiani rega’ tenna li *Emanuel Galea ma esegwiex skond is-sengha u l-arti ix-xoghol kollu li l-atturi ordnaw*[17].

30. Il-Periti Teknici Addizzjonali – Jaccarini u Camenzuli -- ukoll ikkonkludew illi *t-tarag kif inbena ma kienx korregut kif tirrikjedi l-arti u s-sengha fil-kas ta’ tarag bir-ragg. Dan seta’ jigi realizzat qabel ma’ l-konvenut beda x-xoghol tieghu fit-tqeghid tal-balavostri. Is-soluzzjoni kienet li jigu ntrodotti pilastri fejn il-kurva tal-poggaman kienet tippresenta diffikolta` biex tkun wahda kontinwa u minghajr l-ebda kisra u dan bhal ma jidher li kien sar fit-tarag fuq in-naha tal-lemin. Id-difetti l-ohra li ssemmew, setghu jigu rettifikati. Is-soluzzjoni l-ohra kienet, bhal ma sar, il-provvediment ta’ sottobank li fuqu tpoggew il-balavostri, ekwidistanti izda minghajr konsiderazzjoni stretta ghall-posizzjoni taghhom fic-centru ta’ l-irjus tat-turgien*[18]*.*

31. Il-principji guridici applikabbli ghall-kaz in ezami gew hekk esposti minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha Inferjuri[19]:

---

[14] Fol. 49 sa 65 u fol. 196 sa 208 tal-process.
[15] Fol. 291 sa 338 tal-process.
[16] Fol. 65 tal-process.
[17] Fol. 203 tal-process.
[18] Fol. 326 tal-process.
[19] **Pierre Darmanin v. Moira Agius et, Appell Civili Nru. 323/02** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta’ Ottubru 2004, u s-sentenzi hemm citati.

- *L-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacità ordinaria." Dan fis-sens li ghandu jiggarantixxi l-bontà tax-xoghol tieghu*;
- *L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ghax jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem." Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "È dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidità e contrarii alle buone regole dell' arte". Kif ahjar imfisser u spiegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent"*;
- *Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz ta' l-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jew dan fil-fatt jirrizulta difettuz;*
- *Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti…l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kopja kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt";*
- *Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilità kontrattwali normativa minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art. 1069(1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art. 1069(2));*

- *Meta d-difetti huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol*.

32. Applikati dawn il-principji guridici ghall-fatti li jirrizulta mill-atti processwali u ghall-aspetti teknici kif imfissra mill-Periti Teknici, fir-rigward ta' liema din il-Qorti ma ssib xejn x'tikkritika, necessarjament jirrizulta li l-konvenut Emanuel Galea kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' l-appalt lilu kkumissjonat mill-atturi, u b'hekk huwa legalment tenut jirrispondi ghal tali nuqqas tieghu. Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appell qed jigi michud ukoll.

33. Bit-tielet aggravju taghhom il-konvenuti jikkritikaw il-likwidazzjoni tad-danni kif maghmula mill-ewwel Qorti u jikkontendu li fl-aghar ipotesi ghalihom huma setghu jigu kkundannati jhallsu biss dawk id-danni relatati direttament man-nuqqas tal-konvenut Emanuel Galea li jespleta l-appalt u mhux ukoll l-ispiza rikjesta biex isir ix-xoghol mill-gdid. Il-Qorti tinnota li in sostenn ta' din il-pretensjoni l-konvenuti jiccitaw *inter alia* l-Artikolu 1045(1) tal-Kap.16, izda din id-disposizzjoni ma ssibx applikazzjoni fil-kaz in ezami ghaliex tittratta dwar danni nascenti *ex delicto* u mhux dwar danni nascenti *ex contractu,* bhalma huma d-danni reklamati mill-atturi permezz ta' l-azzjoni odjerna. Huwa principju assodat in materia li jekk n-nuqqasijiet riskontrati fix-xoghol esegwit huma essenzjali jew radikali, l-appaltant jista' jitlob li jigi dikjarat li l-kuntratt jinhall minhabba nuqqas ta' twettiq, u li jithallas id-danni minghand l-appaltatur. Jekk però n-nuqqasijiet riskontrati ma jkunux essenzjali jew radikali izda, jistghu jigu riparati, l-appaltatur ma ghandux jitqies inadempjenti izda, jkollu l-obbligu li jsewwi x-xoghol hazin jew jaccetta tnaqqis fil-prezz[20]. Mir-rapporti ta' l-ewwel Perit Tekniku u tal-Periti Teknici Addizzjonali jirrizulta bl-iktar mod car li fil-kaz in ezami x-xoghol esegwit mill-konvenut kien fih nuqqasijiet essenzjali. In effetti, l-atturi kienu finalment kostretti jaqilghu l-poggaman mahdum mill-konvenut u jqabbdu lil

[20] **Jesmar Valletta et v. Patrick Grech et, Citaz. Nru. 28/01JRM** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu 2003.

terza persuna biex taghmlilhom poggaman iehor imfassal b'mod li jiehu in konsiderazzjoni d-difetti li kien fih it-tarag; difetti li l-konvenut ma kienx ha l-briga li jikkonsidra. B'hekk, galadarba jirrizulta li d-difetti fix-xoghol esegwit mill-konvenut kienu essenzjali, l-atturi ghandhom dritt jitolbu minghand il-konvenuti d-danni minnhom sofferti.

34. Il-gurisprudenza taghna tghallem illi f'materja ta' kuntratti, inkluz ghalhekk il-kuntratti ta' appalt, il-ligi taghmilha cara li fejn persuna ma twettaqx obbligazzjoni li biha intrabtet li taghmel xi haga, il-kreditur taghha jista' jigi moghti s-setgha li jiehu hsieb iwettaqha hu bi spejjez tad-debitur. Tghid ukoll li min jonqos li jwettaq obbligazzjoni li ntrabat biha, obbligat ihallas id-danni li ghandhom jaghmlu tajjeb ghat-telf li l-persuna l-ohra tkun garrbet u l-qligh li tkun tilfet. Jekk in-nuqqas ta' twettiq kien kagunat minn ghemil doluz tad-debitur, ghat-telf ta' qligh ghandhom jiddahhlu biss dawk id-danni mgarrbin mill-parti kreditrici li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta' twettiq ta' l-obbligazzjoni[21]. Ghalhekk id-danni li l-atturi ghandhom dritt jirreklamaw minghand il-konvenuti huma l-flus minnhom s'issa imhallsa lill-konvenut ta' xoghol li ma swielhom xejn u l-ispejjez li kellhom jidhlu ghalihom meta inkarigaw terza persuna biex jaghmel dak li kien originarjament tqabbad jaghmel il-konvenut Emanuel Galea. Dana huwa ezattament dak li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

35. Il-konvenuti jikkritikaw lill-ewwel Qorti wkoll ghaliex iffissat il-prezz ta' l-appalt in kwistjoni fiz-zmien meta giet pronunzjata s-sentenza fil-valur ta' Lm4,500, u jikkontendu li ma setghetx tasal ghal tali konkluzjoni ghaliex l-istess esperti minnha nominati ma setghux jaslu ghall-figura tad-danni. Din il-pretensjoni tal-konvenuti, però, ukoll hija guridikament infondata ghaliex is-semplici fatt li l-esperti nominati mill-Prim Awla ma setghux jaslu ghall-figura tad-danni ma jfissirx li l-Qorti ma setghetx, hi minn jeddha, tasal ghall-ammont ta' danni dovuti mill-konvenuti lill-atturi. Fis-sistema legali taghna hu risaput li *hu rikonoxxut lill-gudikant…il-poter diskrezzjonali li*

---

[21] *Ibid.*

*jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, è rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risacrimento del quale taluno fu condannato"*[22]. Il-konvenuti ma ressqu ebda prova li tista' tikkonvinci lil din il-Qorti li l-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-Ewwel Qorti ma hijiex korretta u gusta. L-unika konsiderazzjoni li jaghmlu hi li fi zmien qabel ma infethu l-proceduri odjerni l-atturi kienu ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Skewestru kawtelatorju fil-konfront taghhom ghas-sorte ta' Lm500 u ghalhekk kien dan l-ammont li l-istess atturi kienu qed jippretendu in linea ta' danni. Pero` din il-pretensjoni tal-konvenuti hija insostenibbli ghaliex il-*quantum* tad-danni pretizi mill-atturi jirrizulta mill-provi in atti u mhux minn mandati kawtelatorji li jkunu saru zmien qabel il-proceduri proprji.

36.B'hekk anke t-tielet aggravju ta' l-appell sollevat mill-konvenuti qed jigi michud.

37.Jehtieg issa li jigu trattati l-aggravji migjuba fl-appell incidentali ta' l-atturi.

38.Fl-ewwel aggravju ta' l-appell taghhom l-atturi jikkontendu li l-ammont ta' Lm2,900 likwidat mill-ewwel Qorti bhala rapprezentanti d-danni minnhom sofferti minhabba n-nuqqas tal-konvenut Emanuel Galea li jesegwixxi l-appalt lilu moghti skond is-sengha u l-arti ma huwiex gust u ekwu. Huma jikkontendu li mis-somma ta' Lm5,750 l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas biss is-somma ta' Lm500 biex b'hekk id-danni minnhom sofferti kellhom jinhadmu fuq is-somma ta' Lm5,250 u b'hekk l-ammont totali li l-konvenuti kellhom jigu kkundannati jhallsuhom in linea ta' danni ghandu jkun ta' Lm3,650 [illum ekwivalenti ghal €8,502.21], konsistenti fis-somma ta' Lm2,850 in

---

[22] **Margaret Camilleri et v. The Cargo Handling Co. Ltd., Citaz. Nru. 1560/95** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Ottubru 2004.

linea ta’ danni u fis-somma ta’ Lm800 bhala rifuzjoni tad-depozitu akkont minnhom imhallas lill-konvenut.

39. Din il-Qorti già ppronuncjat ruhha fuq u kkonfermat il-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti. L-atturi ma ressqu ebda argument jew raguni li tista’ twassal lil din il-Qorti biex tbiddel il-hsieb u konvinciment taghha dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

40. Ghalkemm l-atturi jikkontendu li mill-figura ta’ Lm5,750 l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas is-somma ta’ Lm500 biss, ma ressqu ebda prova li attwalment tissostanzja din il-pretensjoni taghhom u ghalhekk din il-Qorti necessarjament trid tikkonferma id-danni likwidati *ex aequo et bono* mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

41. Ghalhekk l-ewwel aggravju ta’ l-appell incidentali qed jigi michud.

42. Bit-tieni aggravju taghhom l-atturi jikkontendu li galadarba fid-danni likwidati mill-ewwel Qorti hemm inkluza s-somma ta’ Lm800 li hija d-depozitu minnhom imhallas lill-konvenut meta ftehmu fuq ix-xoghol, l-imghax fuq din is-somma kellu jibda jiddekorri mid-data tal-hlas ta’ tali depozitu jew mid-data ta’ l-prezentata ta’ l-att ta’ citazzjoni odjern, u mhux mid-data tas-sentenza appellata. Din il-pretensjoni hija zbaljata w insostenibbli ghaliex (i) it-talba taghhom hija ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta’ danni w imkien ma tintalab b’mod specifiku r-rifuzjoni tas-somma ta’ Lm800 minnhom imhallsa bhala depozitu lill-konvenuti; u fi kwalunkwe kaz (ii) kif jirrizulta mill-principji guridici iktar ‘l fuq citati, is-somma ta’ Lm800 tifforma **parti mid-danni** li skond il-ligi ghandhom jigu likwidati favur l-appaltant meta ix-xoghol esegwit jirrizulta affett minn nuqqasijiet sostanzjali. B’hekk fil-kaz in ezami japplika l-principju li l-imghax legali fuq id-danni likwidati mill-ewwel Qorti jibda’ jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata u mhux minn xi data antecedenti. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi wkoll respint.

**<u>Decide</u>**

Ghall-motivi premessi tichad kemm l-appell principali interpost mill-konvenuti kif ukoll l-appell incidentali interpost mill-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. L-ispejjez ta’ dawn l-appelli ghandhom jigu sopportati fil-mod segwenti: l-ispejjez relattivi ghall-appell principali ghandhom jithallsu mill-konvenuti filwaqt li l-ispejjez relattivi ghall-appell incidentali ghandhom jithallsu mill-atturi. L-ispejjez inkorsi in prim istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------